**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 342/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gilmore Grima**

Illum, 9 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Gilmore Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 19396(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn Lulju 2022 u 27 ta' Jannar 2023, f'dawn il-Gzejjer Maltin –

1. Kiser il-liberta' proviżorja billi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Maġistrat Dr J. Demicoli LL.D b'digriet mogħti nhar il-11 t'April 2021 li bih ħa l-ħelsien mill-arrest;
2. U kif ukoll talli għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ.

Il-Qorti ġiet mitluba tirrevoka s-somma imsemmija fl-obligazzjoni tal-garanzija, liema somma għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Gilmore Grima u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi mputat fejn b'digriet hawn fuq imsemmi, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet finalment mitluba li titratta mal-imputat bħala reċediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 338(w) u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkundanatu għal tmintax -il xahar (18) priġunerija effettiva, kif ukoll ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat ir-ri-arrest ta' l-imputat. Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat illi l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) bħala parti mill-garanzija personali ta' l-imputat, fid-digriet datat 11 t'April 2021 (Maġistrat Dr Josette Demicoli) jiġi kkonfiskat u jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

i) Tħassar is-sentenza mogħtija fil-15 ta' Settembru 2023 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih;
ii) Alternattivament, tvarja s-sentenza mogħtija fil-15 ta' Settembru 2023 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tikkonferma l-ħtija tal-imputat, tipprovdi għall-piena iktar proporzjonali, mita u idoneju fiċ-ċirkostanzi u ukoll tipprovdi għal medda ta' żmien li matulha, hu jkun jista' jħallas il-flejjes tal-garanzija personali 'bin-nifs', liema perijodu ta' żmien għandu jibda' jiddekorri minn dakinhar li l-appellant joħroġ mill-ħabs.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 24 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju, l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova dwar l-element intenzjonali tar-reati lilu addebitati. Għalhekk, hija il-fehma tiegħu illi ġaldarba hu paċifiku li *actus non facit reum nisi mens sit rea*, l-Ewwel Qorti ma kelliex issibu ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

Illi, l-appellant kien mixli b'żewġ reati, b'wieħed minnhom ikun ta' natura kontravvenzjonali, u dan meta kien mixli illi fix-xhur bejn Lulju 2022 u 27 ta' Jannar 2023 naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrat (Maġistrat Dr J. Demicoli) b'digriet mogħti nhar il-11 t'April 2021 li bih kien lilu konċess il-ħelsien mill-arrest, kif ukoll illi fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ. Fl-aħħarnett kien akkużat ukoll bl-addebitu tar-reċediva.

Illi, dawn l-akkużi tnisslu mill-fatt illi nhar is-27 ta' Jannar tas-sena 2023, il-Pulizija Ezekuttiva ġiet infurmata li l-appellant kien *wanted* minħabba ksur ta' kundizzjonijiet relatati mal-ħelsien mill-arrest. Sussegwentement, matul dik il-ġurnata, l-istess appellant kien intlemaħ mill-Pulizija ġewwa l-Marsa meta allura ġie arrestat. *In oltre*, PS 2003 Christopher Caruana xehed quddiem l-Ewwel Qorti li fix-xhur ta' qabel l-arrest tal-appellant, ġieli kien lemaħ lill-appellant fit-toroq tal-Marsa fejn anke osserva li f'xi okkazzjonijiet kien ikun rieqed barra fit-triq, ġewwa xi *gazebo*. L-appellant informa lill-pulizija li huwa ma kellux fejn joqgħod u wkoll li ma kellux impjieg. Dan kollu kien ikkorroborat bix-xhieda mogħtija minn PC 2190 Julian Caruana.

Illi, ukoll, nhar is-27 ta' Jannar tas-sena 2023, l-appellant irrilaxja stqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fejn stqarr fuq mistoqsijiet mill-uffiċjal investigattiv: -

**M: Meta l-aħħar li ffirmajt?**

> **T: Ma nafx eżatt.**
>
> **M: Għaliex ma qbajtx tiffirma?**
>
> **T: Għax lili m'avzawniex li rrid inkompli niffirma għax kieku kont nibqa' niffirma bħas-soltu.**

Illi, l-appellant ukoll għażel li jixhed volontarjament quddiem l-Ewwel Qorti, fejn essenzjalment ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih:–

> **... Jiena kont qed ngħix barra dak iz-zmien ... kont homeless jien, id-droga kienet rikbitni fuq li rikbitni u rikbitni sewwa u lanqas moħħ tiegħi nnifsi ma kelli ... u b'hekk ma kontx qed immur niffirma... Ma kontx naf jekk hux ħaj jew mejjet, la kaz tiegħi nnifsi ma bdejt nagħti ...**

Illi, *ex admissis* jidher illi l-appellant fil-fatt ikkometta il-ksur tal-liġi li dwaru huwa mixli. Jikkontendi, madanakollu, fl-aggravju minnu intentat, illi l-element intenzjonali huwa nieqes għaliex kien mifni bill-vizzju tad-droga li impedieh milli jagħmel ġudizzju ibbażat fuq ir-raġuni b'tali mod allura illi n-non-kuranza ta'l-osservanza tal-ordni tal-Qorti ma kenitx waħda intenzjonali u volontarja.

Issa l-att vjolattiv fir-reat tal-ksur tal-kondizzjonijiet imposti għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest iwassal għal kummissjoni tar-reat maħluq mill-leġislatur fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Illi dak li trid tipprova l-Prosekuzzjoni allura huwa li hemm digriet tal-Qorti fuq saqajh u li l-persuna li fil-konfront tagħha inħareġ dak id-digriet ma jkunx ottempera ruħu mal-istess. Illi għalkemm il-liġi ma tispeċifikax illi f'dan il-każ teżisti l-inverżjoni tal-provi fuq il-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat sabiex hija teżimi ruħha mir-responsabbilita' penali, madanakollu mill-promulgazzjoni tar-reat, il-qrati dejjem ħadu l-linja li huwa l-akkużat illi bix-xiehda tiegħu irid neċessarjament jipprova illi n-nuqqas ta' osservanza tad-digriet tal-qorti ma kienx imputabbli għal xi nuqqas minn naħa tiegħu u li allura irid jiġġustifika dak il-ksur biex b'hekk inħolqot sitwazzjoni simili ħafna għal kunċett hekk imsejjaħ ta' *strict liability*, fejn il-ksur awtomatikament iwassal għal sanzjoni tal-liġi diment li l-persuna mixlija bir-reat ma tressaqx prova sabiex tiġġustifika n-nuqqas tagħha. Illi l-għoti tal-ħelsien mill-arrest ifittex biex joħloq bilanċ bejn id-drittijiet tal-persuna akkużata bil-kummissjoni ta' reat illi ma jibqax miżmum taħt arrest filwaqt li jkun għadu preżunt innoċenti minn naħa l-waħda, u l-bżonn li jitħares id-dritt tas-soċjeta illi l-proċess ġudizzjarju ma jkunx imfixkel jew imxekkel minn naħa l-oħra, u dan bil-għan illi jkun

hemm it-tiftix għal verita' u li għalhekk iseħħ il-ġustizzja. Illi f'dawn il-każijiet allura, l-Prosekuzzjoni ma għandiex għalfejn tipprova illi l-persuna marbuta bid-digriet, kissret il-kondizzjonijiet imposta fuqha b'intenzjoni speċifika, għaliex in-nuqqas tal-osservanza awtomatikament iwassal għal dak il-ksur. Illi l-fatt allegat mill-appellant illi huwa kiser l-ordni tal-Qorti minħabba li kien mifni bi problema ta' droga, oltre li kellu problemi soċjali oħra, jista' iwassal biss għal mitigazzjoni fil-piena, iżda żgur mhux għal xi forma ta skużanti ġustifikata (*reasonable excuse*) għal ksur nfraskritt, iktar u iktar meta jidher illi huwa kien qed jingħata l-għajnuna biex jipprova jegħleb il-problemi tiegħu, iżda ma wera ebda ħeġġa beix igħin lilu nnifsu. Għalkemm kien taħt Ordni Provviżorja ta' Superviżjoni attenda għall-appuntament wieħed biss, bl-Uffiċjal tal-Probation tgħid illi kkanċella diversi appuntamenti u saħansitra lanqas kien segwiet fuq l-Ordni ta' Trattament maħruġ ukoll fil-konfront tiegħu minħabba n-nuqqas ta' interess li wera. Illi allura l-appellant issa ma jistax jinqeda bl-iskuża illii naqas milli josserva uħud mill-kundizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet tal-ħelsien mill-arrest minħabba li kien afflitt bil-vizzju tad-droga meta ma wera ebda interess biex jindirizza l-istess.

Fir-rigward tat-tieni mputazzjoni li jitratta r-reat kontravvenzjonali kontra l-ordni pubblika ravviżat fl-artikolu 338(w), jinghad illi fil-qasam kontravvenzjonali:

> **"ghall-imputabbilita` ta` dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt; hu bizzejjed li l-imputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici.[1]"**

Dan ghaliex,

> **"il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista' tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib, dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede[2]."**

---

[1] Il-Pulizija vs Anthony Mallia App.Inf – 24/02/1960
[2] Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici – Appell Inferjuri 15/02/1958

U ukoll:

> **"Hu veru illi, ghall-integrazzjoni ta` kontravvenzjoni, ghar-rigur tad-dritt, hu bizzejjed il-fatt materjali, u li ghalhekk l-element psikiku hu soddisfatt bis-semplici volontarjeta`;[3]"**

Illi, kif ingħad, l-appellant fix-xiehda tiegħu jammetti l-ksur minnu kommess u dan meta kif ingħad b'mod volontarju huwa ma wera ebds interess illi jgħin lilu nnifsu għalkemm l-qrati ippruvaw kemm il-darba joffrulu l-għajnuna.

Fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ppreżentat id-digriet u l-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest li kien mogħti fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Gilmore Grima", liema digriet iġib id-data tal-11 t'April 2021, mogħti mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Josette Demicoli. Illi fost il-kundizzjonijiet imposti fuq l-appellant, huwa kien obbligat "**li tirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn toqgħod jiġifieri fl-Għassa ta' Bormla, kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn it-8am u t-8pm, b'dan illi jekk ma tkunx tista' tirrapporta kif fuq ingħad, għandha tibgħat ċertifikat mediku fi żmien sitt siegħat mill-ħin li fih qed tiġi obbligata li tirrapporta**". Oltre dan kien marbut bil-ħinijiet ta' rinkażar li allura wkoll naqas milli josserva billi telaq mill-post fejn kien qed jirrisjedi u beda jgħix barra fit-triq. Illi mill-*bail book* eżebit in atti huwa evidenti li l-appellant naqas milli jobdi din il-kundizzjoni mposta fuqu u dan meta naqas milli jiffirma fl-għassa, kif kien obbligat jagħmel, u kif *del resto* ammetta huwa stess kemm fl-istqarrija tiegħu kif ukoll meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-Ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment issib ħtija fl-appellant.

Illi, finalment, fir-rigward ta'l-addebitu tar-reċediva, dina l-Qorti ħadet konjizzjoni tat-testimonjanza ta' Marica Mifsud, Assistent Reġistratur fil-Qrati u Tribunali Kriminali, li ppreżentat kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Gilmore Grima" deċiża nhar id-9 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit.), liema sentenza għaddiet in ġudikat. Flimkien ma' din is-sentenza

[3] Il-Pulizija vs Nikola Agius – App.Inf. – 14/02/1959

x-xhud ippreżentat sentenza oħra fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Gilmore Grima" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat, illum Imħallef Dr Grazio Mercieca) fit-8 ta' Jannar 2018, liema sentenza ukoll hija waħda finali. Għaldaqstant, anke l-addebitu tar-reċediva ġie ppruvat sal-grad rikjest mill-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni u t-tielet aggravji mressqa mill-appellant jikkonċernaw il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan meta jilmenta illi din il-piena hija eċċessiva u tqarreb lejn il-massimu. Jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx kont tal-fatt illi l-aġir tiegħu ma kellu l-ebda konsegwenza serja, iżda kien nuqqas internament u purament formali, akkademiku u ta' gravita' *de minimis*. *In oltre*, jilmenta li l-fatt li l-Ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' €3,500 bħala parti mill-garanzija personali tiegħu, kienet piena żejda u sproporzjonata għal ksur kommess.

Illi l-kunċett tal-proporzjonalita' tal-piena għal ksur kommess fil-każ tar-reat imfassal fl-artikolu 579(2) kien is-suġġett ta' għadd ġmielu ta' sentenzi mogħtija mill-qrati kemm penali kif ukoll kostituzzjonali, kf ukoll kien is-suġġett ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi l-qrati dejjem hadu l-istess linja u ċioe' illi għandu jsir gradwatorju dwar is-serjeta' tal-ksur kommess f'kull każ u dan meta l-qorti tiġi għal kalibrazzjoni tal-piena:

> **19. Din il-Qorti filwaqt li taqbel ma' l-intimati li hija l-mansjoni esklussiva tal-qrati ta' kompetenza kriminali li jiddeterminaw kwistjonijiet dwar, *inter alia*, revoka ta' helsien mill-arrest u l-piena konsegwenzjali, tqis ukoll illi din il-mansjoni ghandha tigi mwettqa dejjem bi tharis tar-rekwiziti tal-Artikolu 5(1)(b) fosthom ir-rekwizit tal-proporzjonalita` u kwindi taht l-ottika tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni. .....**
>
> **26. Il-kejl ta' proporzjonalita` kien appuntu dak li nstab li kien nieqes fl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) ghall-fattispecje tal-kaz ta' Lawrence Gatt, ta' John Grima kif ukoll tar-rikorrent f'dan il-kaz kif konstatat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.**
>
> **27. Rigward l-ewwel parti tal-Artikolu 5(1)(b), cioe` r-rekwizit li l-arrest jew id-detenzjoni jkun mehtieg ghat-tharis ta' ordni gudizzjara, jinghad hekk:-**
>
>> ***"The domestic authorities must strike a fair balance between the importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court, and the importance of the right to liberty. Factors to be taken into consideration include the purpose of the order,***

*the feasibility of compliance with the order, and the duration of the detention. The issue of proportionality assumes particular significance in the overall scheme of things (Gatt v. Malta, § 40)."*

**28. L-awtrici Karen Reid, fil-ktieb A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights tikkummenta hekk dwar l-importanza li jintlahaq ir-rekwizit fondamentali tal-proporzjonalita` f'kazijiet li jinkwadraw fit-tieni binarju tal-Artikolu 5(1)(b):**

*"This head of detention requires that a measure is taken to secure the execution of specific and concrete obligations. The obligation does not have to arise from a court order, but may also derive from the law per se, although it must be sufficiently specific and concrete ... The aim of the detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish ... Relying on McVeigh, the court has stated that a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation and the importance of the right to liberty, in which balance duration is a significant factor."*

**29. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-applikazzjoni stretta tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) u tal-proviso tieghu, fil-kaz tar-rikorrent, ma jwassalx ghal dik il-proporzjonalita` mehtiega biex mizura li tippriva l-liberta` tal-individwu tkun wahda legittima ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Kif tajjeb irravvizat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat l-insenjament tas-sentenzi fuq citati, ghandu jkun hemm gradwatorjeta` fis-serjeta` ossia gravita` tad-diversi kundizzjonijiet li jkunu imposti fl-ordni fejn jinghata l-helsien millarrest, stante illi mhux kull kundizzjoni timmerita l-konsegwenza estrema prevista mill-Artikolu 579(1). Din il-Qorti zzid illi l-htiega li l-gudikant, fil-kaz ta' ksur ta' kundizzjoni ta' bail, ikollu diskrezzjoni li jiggradwa l-gravita` tal-ksur tal-kundizzjoni fil-mizura konsegwenzjali li ghandha tigi imposta minghajr ma jkun marbut necessarjament li japplika l-konsegwenza kontemplata fil-proviso tal-istess Artikolu, hija essenzjali sabiex jintlahqu l-ghanijiet tal-Konvenzjoni. B'hekk jista' jigi evitat f'kull kaz in-nuqqas ta' proporzjonalita`, kif fuq imfisser, bejn id-dritt tal-individwu ghall-liberta` u n-necessita` li jigi assigurat it-tharis ta' ordnijiet gudizzjarji u t-twettieq immedjat ta' obbligi legali.[4]**

Illi, l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipula illi –

**Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u <u>teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien</u> u <u>l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta</u> skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat. (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**

[4] Qorti Kostituzzjonali – Matthew Bajada vs Avukat Ġenerali et – deċiża 27/10/2017 – Rks.Nru.19/17

Illi jibda biex jingħad illi l-kundizzjonijiet marbutin mal-għoti tal-ħelsien tal-arrest jiġu mposti sabiex jkun assigurat li l-imputat/akkużat jaderixxi ruħu magħhom bil-għan illi filwaqt li ma jkunx mċaħħad mill-liberta' filwaqt li għadu preżunt innoċenti, madanakollu l-Qorti jkollha s-serħan tal-moħħ illi huwa jkun marbut li jidher quddiemHa sabiex iwieġeb għall-akkużi lilu addebitati u ma jaħrabx l-id tal-ġustizzja, u li lanqas ma jkun imxekkel jew imfixkel il-proċess ġudizzjarju. Jidher illi dak li wassal lill-appellant ma joqgħodx għall-uħud mill-kundizzjonijiet fuqu imposti kien il-fatt illi huwa spiċċa mifni bil-vizzju tad-droga, kien mingħajr impjieg u anke ma kellux fejn joqgħod u dan meta jiidher illi kellu diżgwid ma' ommha li magħha kien jirrisjedi. B'hekk huwa ma baqax  joqgħod fl-indirizz indikat fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest u lanqas ma baqa' jirrapporta ġewwa l-għassa tant illi spiċċa imfittex mill-pulizija. Dan għalhekk sarraf f'nuqqas ta' affidabbilita' tal-appellant u wkoll f'disprezz totali għall-awtorita' tal-Qorti. Illi l-piena nflitta da parti tal-Ewwel Qorti, għalkemm tidher ixxaqleb lejn il-massimu, madanakollu hija fil-parametri tal-Liġi, tenut kont illi l-appellant kien misjub ħati wkoll tal-addebitu tar-reċediva.

Dan magħdud, madanakollu il-Qorti tqies illi abbinat ma' din il-piena piuttost oneruża, l-konfiska ta' nofs l-ammont tal-garanzija ta' €3500 irrendiet il-piena waħda sproporzjonata għal ksur kommess, iktar u iktar meta jidher illi dan il-ksur kien frott ta' problemi serji li huwa afflitt minnhom l-appellant marbuta mal-vizzju tad-droga, kif ukoll problemi soċjali oħra fejn huwa spiċċa mingħajr dar fejn joqgħod u mingħajr impjieg, u dan għalkemm, kif ingħad, huwa ma għarafx jieħu l-għajnuna li kienet qed tiġi lilu offruta. Mhux biss, iżda għalkemm fil-parti deċiżorja tas-sentenza l-Ewwel Qorti ordnat ir-ri-arrest tal-appellant, madanakollu dan għamlitu mingħajr ma ordnat ir-revoka tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest, sabiex b'hekk għalkemm hemm l-ordni biex l-appellant jiġi arrestat mill-ġdid, madanakollu id-digriet tal-ħelsien mill-arrest għadu fuq saqajh. Illi s-sub-inċiż (3) għall-artikolu 579 jistipula qabel xejn ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u sussegwentement u konsegwenzjalment l-arrest mill-ġdid tal-persuna misjuba ħatja.  Illi ġaladarba allura l-Ewwel Qorti ma rrevokatx il-ħelsien mill-arrest, ma setatx tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu. Inoltre il-Qorti tqies illi fiċ-

ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, għalkemm l-appellant naqas milli jirrapporta l-għassa tal-pulizija b'mod ripetut, madanakollu tqies ukoll li kien nuqqas tal-pulizija illi jieħdu azzjoni tempestiva kontra l-appellant meta kien magħruf għalihom illi l-appellant kien qed jorqod barra billi l-pulizija kienu lemħuh rieqed il-Marsa taħt xi *gazebo* għal żmien twil u meta l-appellant kien ukoll qed jonqos milli joqgħod għall-ordnijiet tal-*Uffiċjal tal-Probation*[5] li suppost kienet qed iżżomm sorveljanza fuqu. Kwindi l-Qorti f'dan il-każ ser tirrevoka l-ordni għar-ri-arrest tal-appellant u ukoll tordna illi tkun konfiskata favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' €1000 biss mill-garanzija ta' €7000.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju vventilat minnu, l-appellant jitlob sabiex jingħata l-fakulta' li jħallas l-ammont kkonfiskat bħala parti mill-garanzija personali 'bin-nifs' u dana wara li jiskonta l-piena ta' priġunerija mposta fuqu.

Illi, l-Artikolu 585(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:-

> **(1) Għall-ġbir tas-somma stabbilita fl-obbligazzjoni tal-garanzija, fil-każ imsemmi fl-artikolu 579, il-qorti li quddiemha kellu jidher l-imputat jew akkużat, tgħaddi, skont il-każ, jew għall-ħruġ u esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid jew ta' arrest kontra l-pleġġ sakemm titħallas is-somma, jew għad-dikjarazzjoni tal-akkwist tad-depożitu favur il-Gvern ta' Malta, jew, f'każ ta' rahan, tordna l-bejgħ tiegħu.**
> **(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu wkoll għall-imputat jew akkużat meta dan ikun obbliga ruħu flimkien mal-pleġġ, in solidum jew b'mod ieħor, jew meta l-garanzija tkun ingħatat taħt l-obbligazzjoni tal-imputat jew akkużat biss, għalkemm hu jkun ġie arrestat, ikkundannat jew illiberat fuq ir-reat li għalih ikun ġie lilu mogħti l-ħelsien mill-arrest.**

Illi, għalhekk, il-ħlas permezz ta' rati mensili fir-rigward il-garanzija personali mhix prevvista taħt l-artikolu appena ċċitat u għaldaqstant anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

[5] Ara xiehda ta' Donalise Cammilleri a fol.411 tal-atti

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn l-appellant kien misjub ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u fejn kien ikkundannata l-piena ta' tmintax-il xahar priġunerija. Tirrevokaha fejn kien ordnat ir-ri-arrest tiegħu u fejn kienet ordnata l-konfiska tas-somma ta' €3500 mill-garanzija ta' €7000 imposta fuqu fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-11 ta' April 2021, u minflok tordna il-konfiska tas-somma ta' €1000 mill-imsemmija somma favur il-Gvern ta' Malta.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**